

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kawża COMP/M.7189 — ALSO/Alpha International)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 119/04)

1. Fl-10 ta' April 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża ALSO Holding AG (tal-Isvizzera) li tappartjeni lill-grupp Droege takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Alpha International BV (tal-Pajjiżi l-Baxxi) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma:
 - għal ALSO Holding AG: bejgħ bl-ingrossa għal prodotti, soluzzjonijiet u servizzi fl-IT, it-telekomunikazzjonijiet u l-prodotti elettroniċi għall-konsumaturi fl-Ewropa,
 - għal Alpha International BV: distribuzzjoni ta' prodotti għall-konsum oriġinali tal-kompjuter u tal-IT, b'mod partikolari fuq il-provvisti għall-istampar (toners, inka) lil rivenditori.
3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni nnotifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+ 32 22964301) bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.7189 — ALSO/Alpha International, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).